**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-3 ta' Frar 2016

Talba Numru: 751/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 7

**GO p.l.c.**
**(C22334)**

**Vs**

**Ritianne Cardona**
**K.I. 231972(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta'

elf, mija, erbgħa u disgħin ewro, erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,194.47c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 21634310, internet fuq telefon bin-numru DSL-21634310 u televiżjoni numru IPTV-06414 fuq l-akkont li jġib in-numru A/C/40371398; mobile bin-numru 79346317 fuq l-akkont li jġib in-numru A/C40405094 u mobile bin-numru 79856423 fuq l-akkont li jġib in-numru A/C 40372434 mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' elf, mija, erbgħa u disgħin ewro, erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,194.47c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta' Frar 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 302/15, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

**Avv. Nadia H. Vella**
**Ġudikatur**